Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 917/2004**

tad-29 ta' April 2004

Dwar ir-regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 797/2004 rigward il-miżuri għat-tittjib tal-kondizzjonijiet ġenerali għall-produzzjoni u l-marketing ta' prodotti ta' l-apikoltura.

(ĠU L 163, 30.4.2004, p. 83)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/2004 tal-20 ta' Awwissu 2004	L 330M	19	9.12.2008
►**M2**	Commission Regulation (EC) No 1913/2006 of 20 December 2006 (*)	L 365	52	21.12.2006
►**M3**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 811/2007 tal-11 ta' Lulju 2007	L 182	5	12.7.2007
►**M4**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 939/2007 tas-7 ta' Awwissu 2007	L 207	3	8.8.2007
►**M5**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 726/2010 tat-12 ta' Awwissu 2010	L 213	29	13.8.2010

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 917/2004

tad-29 ta' April 2004

Dwar ir-regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 797/2004 rigward il-miżuri għat-tittjib tal-kondizzjonijiet ġenerali għall-produzzjoni u l-marketing ta' prodotti ta' l-apikoltura.

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidrat ir-Regolament tal-Kunsill 797/20049 ([1]), u partikolarment l-Artikolu 6 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 797/2004 jieħu post ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1221/97 ([2]) jistabbilixxi miżuri għall-iskop li jtejjeb il-kondizzjonijiet li permezz tagħhom il-prodotti min-naħam huma prodotti u marketed. Fl-interess taċ-ċarezza, għandu għalhekk ikun imħassar ir-Rgolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2300/97 tal-20 ta' Novembru 1997 dwar regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1221/97 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-applikazzjoni tal-miżuri għat-titjib tal-produzzjoni u l-marketing tal-għasel ([3]) u għandu jkun mibdul b'Regolament ġdid.

(2) L-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 797/2004 jistqarr li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu programmi ta' apikoltura. Huwa meħtieġ li jkunu speċifikati l-elementi ta' dawn il-programmi li huma meħtieġa li jkunu jinkludu, u l-limitu ta' żmien għat-trasmissjoni lejn il-Kummissjoni.

(3) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità lejn il-programmi nazzjonali għandha tkun ristretta, b'referenza għal kull sehem tal-Istat Membru dwar in-numru totali ta' doqqajs fil-Komunità.

(4) L-Istati membri għandhom iwettqu monitoraġġ tal-programmi implementati bis-saħħa ta' dan ir-Regolament. Dawk il-miżuri ta' monitoraġġ għandhom ikunu notifikati lill-Kummissjoni.

(5) Konsistenza bejn il-miżuri tal-programmi ta' l-apikoltura u miżuri oħrajn permezz ta' diversi strateġiji tal-Komunità għandha tkun assigurata matul l-implementazzjoni tal-programmi. Partikolarment, kwalunkwe kumpens żejjed minnhabba il-għaqda ta' l-għajnuna u xi inkonsistenza oħra fid-definizzjoni tal-miżuri għandu jkun evitat.

(6) Sabiex tkun imħollija ċerta flessibiltà fl-implementazzjoni tal-programmi, il-limiti finanzjari notifikati għal tali miżuri jistgħu ivarjaw b'ċertu persentaġġ mingħajr, b'dana kollu, ma jeċċedu l-limitu massimu globali għall-programm anwali. Jekk ikun hemm użu tal-flessibiltà permissibbli fl-implementazzjoni tal-programm, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità m'għandhiex teċċedi l-limitu ta' 50 % tal-ispiża attwali kif involuta mill-Istat Membru ikkonċernat.

([1]) ĠU L 125, 28.04.2004, p. 1.
([2]) ĠU L 173, 01.07.1997, p. 1.
([3]) ĠU L 319, 21.11.1997, p.1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1387/2003, (ĠU L 196, tat-2.8.2003, p. 22).

▼B

(7) Sabiex titħalla aktar flessibiltà fl-implementazzjoni tal-programm, il-miżuri tal-programmi jistgħu ikunu adattati matul l-implementazzjoni tal-programm, b'dana kollu azzjonijietmodifikati għandhom ikunu l-istess miżuri li hemm dispożizzjoni dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 797/2004.

(8) Regoli għandhom ikunu adottati sabiex ikunu stabbiliti r-rati li għandhom ikunu applikati għall-finanzjament tal-programmi nazzjonali.

(9) Ir-regoli li jikkonċernaw il-kontenut tiegħu għandhom ikunu stabbiliti sabiex jassiguraw li l-istudji referuti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 797/2004 ikunu mwettqa u aġġornati b'mod konsistenti.

(10) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma l-opinjoni tal-Kumitat għall-Bajd u l-Laħam tat-Tjur,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-programmi nazzjonali referuti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 797/2004 (minn hawn il-quddiem referut bħala "il-programmi ta' l-apikoltura") għandhom:

(a) jiddeskrivu s-sitwazzjoni tas-settur billi jagħmluha possibbli billi jkunu aġġornati regolarment id-dettalji strutturali fl-istudju referut fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 797/2004;

(b) jistqarri l-għanijiet tagħhom;

(ċ) jagħtu deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri involuti, bin-nefa ta' l-unità, meta san ikun xieraq;

(d) jistqarru n-nefqa kif ikkalkolata u l-pjan tal-finanzjament, imqassma ta' kull sena fuq il-livell nazzjonali u reġjonali;

(e) jirreferu għal-liġijiet, ir-regolament u d-dispożizzjonijiet amministrattivi applikabbli;

(f) elenkaw l-organizzazzjonijiet rapreżentattivi u l-koperattivi tat-trobbija tan-naħal li jkunu ikkolabboraw fit-tħejjija tal-programmi ta' l-apikoltura;

(g) jistabbilixxu arranġamenti tal-monitoraġġ u tal-istudju għall-programm ta' l-apikoltura.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifkaw il-programm tagħhom ta' l-apikoltura lejn il-Kummissjoni qabel il-15 ta' April ta' l-ewwel sena tal-perijodu ta' tlett snin applikati mill-programm.

▼M3

———————

▼B

2. L-eżerċizzji annwali tal-programmi ta' l-apikoltura huma stabbiliti mis-16 ta' Ottubru ta' kull sena sal-15 ta' Ottubru tas-sena ta' wara.

▼B

3. ►M3 Il-miżuri tal-programmi dwar l-apikultura, previsti għal kull sena matul il-perjodu ta' tliet snin, għandhom jiġu applikati bi sħiħ sal-31 ta' Awwissu tas-sena li matulha jkun qed jitwettaq l-eżerċizzju, li jirreferu għaliha. ◄ Il-pagamenti għandhom isiru matul l-eżerċizzju.

Artikolu 3

Il-programmi tal-Komunità dwar il-finanzjament parzjali ta' l-apikoltura għandhom ikunu ristretti għal kull Stat Membru għall-ammont li jokkorispondi għas-sehem totali tiegħu ta' doqqajs fil-Komunità. Kif mistqarr fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

B'dana kollu, jekk Stat membru wieħed jew aktar ma jkunx(ikunux) innotifika l-programm tiegħu ta' l-apikoltura sal-limiti taż-żmien stabbiliti fl-Artikolu 2 91), jew ma jkunx uża l-ammont kollu tal-finanzjament parzjali referut fl-ewwel paragrafu, l-ishma tal-istati membri l-oħrajn jistgħu ikunu miżjuda fi proporzjoni tas-sehem tagħhom.

Artikolu 4

L-Istati membri għandhom iwassli lill-Kummisjoni, flimkien mal-programmi tagħhom ta' l-apikoltura, dokumenti li jispeċifikaw kif isir il-monitoraġġ tal-programmi tagħhom.

Il-verifiki tal-monitoraġġ għandhom ikunu iddisinjati sabiex jivverifikat il-konformità mat-termini li permezz tagħhom l-għajnuna tkun mogħtija skond il-programmi nazzjonali. Dawn għandhom jikkonsistu kemm minn verifiki amministrattiv u wkoll fuq il-post.

Prova suffiċjenti ta' dawn il-kontrolli għandha tkun disponibbli mingħand l-aġenziji tal-pagamenti.

Artikolu 5

1. L-Istati membri għandhom jikkomunikaw lejn il-Kummissjoni il-lista tal-miżuri dwar l-apikoltura li huma nklużi fil-programmi operazzjonali nazzjonali permezz ta' l-Objettivi 1 u 2 stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 ([1]), qabel id-data referuta fl-Artikolu 2(1).

2. L-istess miżura ma tistax tkun is-suġġett ta' pagamenti simultanji permezz tar-Regolament (KE) Nru 797/2004 u permezz ta' xi skema oħra ta' għajnuna tal-komunià, partikolarment f'dak li jirrigwardja r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 ([2]).

▼M3

Artikolu 6

Sakemm jibqgħu konformi ma' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 797/2004, il-miżuri tal-programmi dwar l-apikultura jistgħu jiġu adattati matul l-eżerċizzju annwali. Il-limiti finanzjarji ta' kull waħda mill-miżuri msemmija jistgħu jiġu emendati sakemm ma jinqabiżx il-limitu totali tal-previżjonijiet ta' l-ispejjeż annwali u li l-kontribut finanzjarju tal-Komunità fil-programmi dwar l-apikultura ma jaqbiżx il-50 % ta' l-ispejjeż ta' l-Istat Membru kkonċernat.

([1]) ĠU L 161, tas-26.06.1999, p. 1.
([2]) ĠU L 160, tas-26.06.1999, p. 80.

▼M3

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Kummissjoni b'kull abbozz ta' adattament tal-miżuri matul l-eżerċizzju annwali skond l-ewwel paragrafu minħabba li ma kienx sar hekk fil-programm triannwali kkomunikat inizjalment. Jekk il-Kummissjoni ma toġġezzjonax, l-adattament previst isir applikabbli mill-ewwel jum tat-tieni xahar minn wara n-notifika msemmija.

Sa mhux aktar tard minn xahrejn wara kull sena, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummmissjoni sommarju ta' l-implimentazzjoni ta' l-ispejjeż skond l-azzjoni.

▼M2

Article 8

For the amount referred to in Article 3 the operative event for the exchange rate shall be the same as that referred to in the first subparagraph of Article 7(1) of Commission Regulation (EC) No 1913/2006 ([1]).

▼B

Artikolu 9

L-istudji referuti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1221/97 għandhom jirreferu għall-unti indikati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 10

Ir-Regolament (KE) Nru 2300/97 huwa mħassar.

Referenzi għar-Regolament imħassar għandhom ikunu meqjusa bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw bi qbil mat-tabella ta' korrelazzjoni kif elenkata fl-Anness III.

Artikolu 11

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

([1]) OJ L 365, 21.12.2006, p. 52.

▼**M5**

ANNESS I

Stat Membru	Popolazzjoni tan-naħal Numru ta' doqqajs
BE	112 000
BG	617 420
CZ	497 946
DK	170 000
DE	711 913
EE	24 800
EL	1 502 239
ES	2 459 373
FR	1 338 650
IE	24 000
IT	1 127 836
CY	43 975
LV	64 133
LT	117 977
LU	8 171
HU	900 000
MT	2 722
NL	80 000
AT	367 583
PL	1 123 356
PT	562 557
RO	1 280 000
SI	142 751
SK	235 689
FI	46 000
SE	150 000
UK	274 000
L-UE 27	13 985 091

▼B

L-ANNESS II

Studju dwar l-istruttura tas-settur ta' l-apikoltura, kif referut fl-Artikolu 9

1. **Doqqajs u persuni li jrabbu n-naħal**

Doqqajd ta' dawk professjonali fit-trobbija tan-naħal:

Numru totali ta' doqqajs:

Dawk professjonali fit-trobbija tan-naħal (a):

Numru totali ta' dawk professjonali fit-trobbija tan-naħal:

2. **Strutturi tal-marketing**

Produzzjoni (b): Bejgħ dirett lejn il-konsumaturi

Bejgħ dirett lejn il-ħwienet

Bejgħ lejn is-suq tal-preparaazzjoni/lejn negozjanti

Bejgħ lill-industria

Importazzjoni: Bejgħ lejn in-negozjanti tal-preparaazzjoni/lejn l-industria

Esportazzjoni:

3. **Prezzijiet**

4. **Spejjeż tal-produzzjoni u l-preparazzjoni tas-suq**

Spejjeż fissi:

Spejjeż varjabbli:

— Tqassim dettaljat, jew disponibbli, li jkopri:
  — spejjeż varju tal-kontroll
  — għalf matul ix-xitwa
  — ippakkjar (kontenituri)
  — transumanza

5. **Kwamità ta' l-għasel**

Ċertifikati ta' karattru speċifiku: Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2082/92 (1);

Designazzjoni ta' l-oriġini: Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 (2)

Indikazzjoni ġeografika: Ir-Regolament (KEE) Nru 2081/92

Noti:

(a) Dak professjonali fit-trobbija tan-naħal huwa persuna li jollha aktar minn 150 doqqajs

(b) Meta possibli, int mitlub li tindika t-tip ta' l-għasel u d-daqs tal-qasam.

▼B

L-ANNESS III

Tabella tal-korrelazzjoni

Ir-Regolament (KE) Nru 2300/97	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 1	L-Artikolu 1
L-Artikolu 2(1)	L-Artikolu 2(1)
	L-Artikolu 2(2)
L-Artikolu 2(2)	L-Artikolu 2(3)
L-Artikolu 3	L-Artikolu 3
L-Artikolu 4(1)	L-Artikolu 4, subparagrafi 1 u 2
L-Artikolu 4(2)	L-Artikolu 5(1)
L-Artikolu 4(3)	L-Artikolu 5(2)
L-Artikolu 4bis	L-Artikolu 6
	L-Artikolu 7
L-Artikolu 5	L-Artikolu 8
L-Artikolu 6	L-Artikolu 9
	L-Artikolu 10
L-Artikolu 7	L-Artikolu 11
L-Anness I	L-Anness I
L-Anness II	L-Anness II
–	L-Anness III